**7 ta' Marzu, 1984**

***Imħallef:-***

## Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.

Joseph Baldacchino

*versus*

Charles Mifsud, Antonia Mifsud u l-istess Charles Mifsud nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lil Filippa Mifsud u Maria Mifsud b'digriet tal-25 ta' Awissu, 1981, ċertifikati mentalment senili

## Lokazzjoni - Titolu - Reversjoni - Titolu Temporanju

*Gie stabbilit li l-konvenuti jokkupaw il-fond* de quo *b'titolu validu fil-liġi u għalhekk miċħuda t-talbiet attriċi.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fis-26 ta' Novembru, 1980, fejn Joseph Baldacchino talab li l-konvenuti jidhru quddiem dik il-Qorti u hemm jgħidu għaliex ma kellhomx jiġu kkundannati jiżgumbraw mill-appartament numru 1, f'numru 256, Anġlu Mallia Junction, Birkirkara, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom mogħti u dana għaliex il-konvenuti kienu qegħdin jokkupaw l-istess fond mingħajr titolu validu fil-liġi - bl-ispejjeż. Għall-fini tal-kompetenza ġie ddikjarat illi l-valur lokatizzju ma kienx jaqbeż il-ħamsin lira Maltija fis-sena;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fis-17 ta' Marzu, 1981, fejn allegaw illi l-fond kien qiegħed jiġi ddetenut minnhom b'kera, u li l-istess fond kien taħt rekwiżizzjoni maħruġa mill-*Housing Secretary*;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, fis-26 ta' April, 1982, li biha, wara konstatazzjoni illi l-fond bħala *a decontrolled dwelling house*, kien ġie idderekwiżizzjonat fil-mori tal-ġudizzju, ġiet milqugħa l-eċċezzjoni illi l-konvenuti kienu qegħdin jokkupaw b'titolu ta' kiri u għalhekk ġew miċħuda t-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-istess Joseph Baldacchino ppreżentata fid-29 ta' April, 1982, u l-petizzjoni tiegħu ppreżentata fl-4 ta' Mejju, 1982;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti hemm esebiti;

Semgħet bil-ġurament lil Charles Mifsud;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-Avukat Dr. Tonio Farrugia għall-appellant u ta' l-Avukat Dr. Henry Antoncich għall-appellati;

Ikkunsidrat:

Illi l-fond *de quo* kien ġie mogħti b'kera b'effett mill-1 ta' Awissu, 1964 minn ċertu Lino Inguanez, li dak iż-żmien kien l-enfitewta; l-enfitewsi kienet għal żmien u kienet tagħlaq fit-30 ta' Settembru, 1980. Il-ftehim tal-kiri sar ma' Charles Mifsud, wieħed mill-konvenuti appellati; però Inguanez kien jaf illi l-ftehim kien qiegħed isir fl-interess ta' missier Charles Mifsud, li ried il-fond biex imur jabita fih flimkien ma' martu u t-tlett uliedu, l-appellati xebbiet Mifsud; l-irċevuti b'danakollu bdew jinħarġu f'isem Charles Mifsud u baqgħu joħorġu f'ismu sa Jannar tas-sena 1968; mit-30 ta' Marzu, 1968 'l quddiem, l-irċevuti għall-kera ħarġu f'isem il-konvenuta Antonia Mifsud u f'dak iż-żmien il-fond kien okkupat mit-tliet konveuti, xebbiet

Mifsud, kif għadu okkupat sal-lum stess. Il-konvenut Charles Mifsud ġà kellu daru sa minn qabel il-bidu tal-kiri, u qatt ma mar joqgħod fil-fond *de quo*;

Minn danakollu jidher illi, fil-ġurnata li fiha saret ir-reversjoni tal-fond enfitewtika favur l-appellant, il-padrun dirett ta' l-istess fond, kienet korrenti lokazzjoni, magħmula għal durata preżunta, u l-inkwilini kienu dakinhar Antonia Mifsud u ż-żewġ ħutha Filippa u Maria Mifsud għaliex missierhom kien ġà miet. Minn dik il-ġurnata sal-lum is-sitwazzjoni ma tbiddlitx;

Għandu jingħad ukoll illi dik il-lokazzjoni għalkemm mogħtija minn Lino Inguanez li kellu biss titolu temporanju fuq il-fond, torbot ukoll lis-suċċessur tiegħu, l-appellant, u dana del resto, ma huwa jġib 'il quddiem ebda ilment biex juri li d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1619 tal-Kodiċi Ċivili ma għandhomx japplikaw għall-każ tiegħu;

Għal dawna l-motivi taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara illi l-appellati Antonia, Filippa u Maria Mifsud, qegħdin jokkupaw il-fond *de quo* b'titolu ta' lokazzjoni u għalhekk tiċħad l-appell magħmul minn Joseph Baldacchino u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.

---